# IĊ-ĊEREN

*Alfred E Baldaċċhino*

L-isem ***Ċerna*** ma jindikax speċi waħda iżda jirreferi għal numru ta' speċi miġbura fil-familja tas-Serran. F'din il-familja nsibu speċi ta' ħut oħra magħrufin, bħal Brieqex, Serran, Dott, Ħanżir, Sultan iċ-Ċawl, Spnott, u l-Pixxiroża. Iċ-ċeren huma ħut b'ġisem b'saħħtu li f'xi speċi tropikali jafu jlaħħqu mal-400/500 kg. Iċ-ċeren huma mxerrda ħafna ma' l-ibħra sħan u tropikali, iżda f'dawn l-aħħar snin qed jonqsu minħabba ħafna fatturi, fosthom il-kaċċa sfrenata. Iċ-ċeren huma karnivori u għandhom bżonn kwantita kbira ta' ikel. Huma jħobbu l-aktar molluski ċefalopodi bħal klamari, siċċ u qarnit, kif ukoll ħut bħal vopi u ċawl. Iċ-ċeren huma aktar ħut tal-kosta u għalhekk għandhom bżonn temperaturi kemxejn għoljin għall-iżvilupp tagħhom.

Fil-Mediterran iċ-Ċerna Komuni *Epinephelus gauza* hija l-aktar imxerrda. Il-kulur ta' din iċ-ċerna hu ġeneralment kannella skur bi tbajja' ħodor fl-isfar. Il-ġisem hu mgħotti bi qxur kbar li jibqgħu jinfirxu mir-ras sas-sider. Il-ħalq huwa karatterizzat minn numru kbir ta' snien forma ta' lembut bil-ponta. Dawn huma mxerrdin fil-wiċċ tal-ħalq kollu, saħansitra fuq l-ilsien. Il-ħalq jista' jinfetaħ sakemm jilħaq id-dijametru tal-ġisem. Fuq daharha ċ-Ċerna normalment ikollha xewka waħda. Din iċ-Ċerna tilħaq it-tul ta' metru u nofs u piż ta 'l fuq minn 60kg. Hija kaċċatriċi tajba, tgħix fuq qiegħ tal-blat minn għaxra sa tliet mitt metru fond, fejn issib kenn fix-xquq dojoq ta' xi skoll. Iċ-Ċerna l-Komuni tiġi kkaċċjata mill-għaddasa. B'riżultat ta' din il-kaċċa, dan il-ħut qed jibqa' fil-fond u moħbi anki fix-xhur sħan tas-sajf. Minħabba f'hekk iċ-Ċerna Kumuni ma tiżviluppax kemm suppost. Dan jaffettwa wkoll ir-riproduzzjoni tagħha li ssir f'baħar baxx li jkun aktar sħun fis-sajf.

Meta l-bniedem jiltaqa' maċ-Ċerna Komuni, aktar iva milli le jispiċċa biex jaqbad lil din il-ħuta: armat bil-foxxna ta' l-arja l-għaddas ifittex il-ħuta kbira li ħafna drabi tisfa maqtula. Għalhekk iċ-Ċerna mhix magħrufa bħala soċjevoli minħabba li kważi f'kull laqgħa tagħha mal-bniedem tagħmel minn kollox biex taħrab. Iżda din il-ħuta kbira b'ħalq wiesgħa u mlaħħam hi kapaċi ġġib ruħha ta' l-aqwa ħabib. Teżisti



*A E Baldacchino* *Ċerna Komuni*

xhieda ta' għaddasa li, jew bħala studju, jew bħala passatemp jew bħala xogħol, kellhom diversi laqgħat ma' għadd ta' ċeren li minnhom dejjem ħarġet ħbiberija kbira. Xi għaddasa biex jagħmlu ħbieb ma' din il-ħuta, joffrulha xi ħaġa x'tiekol u l-ħuta wara xi ċaqliq u kontrolli mill-bogħod, tersaq fil-viċin, tiekol l-ikel u wara toqgħod tgħum u tilgħab mal-ħbieb ġodda mingħajr ebda biża'. Dan il-ħut jibqa' jiftakar l-għaddasa ħbieb tiegħu anki wara ħafna żmien, u b'dan nindunaw x'memorja għandu dan il-ħut.

L-imġieba ta' dan il-ħut fl-għażla tal-moħba fejn jgħix turina li din mhix xi għażla kif ġie ġie. Iċ-Ċerna tfittex post fejn toqgħod b'ħafna ħsieb u kapaċità. Dan il-post ikollu aktar minn fetħa waħda, bl-irtirata kemxejn dejqa li tiftaħ f'wesgħa kemxejn kbira b'saqaf għoli. Il-moħba kbira sservi biex iċ-ċerna tkun tista' tiġi lura sena wara l-oħra, anki meta tikber, filwaqt li s-saqaf għoli jservi biex, waqt li tkun qed taħrab titkaħħal mal-ħitan biex tistaħba u anke titla' mas-saqaf biex tistaħba aħjar.

L-imġieba tagħha tinbidel skond l-ispeċi u l-maturità sesswali milħuqa. Karatteristika komuni għaċ-ċeren kollha hija li dawn jitwieldu kollha nisa. Appena r-raġel tal-lokal jixjieh jew imut, il-mara dominanti taqleb is-sess u ssir raġel. Din hija karattestiika

tal-ħajja twila taċ-ċeren. Eżempju ieħor ta' mġieba differenti taċ-ċeren skond l-età tagħhom hija li meta tkun adulta tgħix f'fond ta' ikar minn mitt metru, iżda meta tkun żgħira tippreferi toqgħod f'baħar iżjed baxx.

Iċ-ċeren tipiċi tal-Mediterran huma mill-grupp *Epinephelus*. L-ikbar ċerna fil-Mediterran hija ċ-Ċerna s-Sewda, li hawn min isejħilha d-Dott Abjad, u li taqbeż id-90 kg. Karatteristika tagħha hi l-kulur fil-vjola li jsir aktar skur fuq id-dahar (minn fejn ħadet l-isem) u li jiċċara aktar lejn in-naħa ta' wara. Iċ-Ċerna Dehbija, jew kif inhi magħrufa wkoll id-Dott tat-Tebgħa Safra, tikber sa 80 ċm u tiżen 8 kg. Hija irqaq u għandha geddūma bil-ponta. L-isem tagħha ġej minn tebgħa lewn id-deheb li tinsab fuq il-ġenb taċ-ċeren xjuħ.

Iċ-ċeren kollha huma marbutin ma' l-ambjent tal-kosta, u ma tantx jitbiegħdu. Fil-Mediterran iċ-Ċerna Komuni u ċ-Ċerna tal-Fond jew Ħanżir tal-Fond huma l-aktar li huma marbuta ma' post wieħed. Hemm jibqgħu f'dan it-territorju tagħhom, speċjalment l-irġiel. Dan għax is-suċċess tal-ħajja sesswali tagħhom tiddependi ħafna fuq dan it-territorju tagħhom.

Bħal kull ħolqien ieħor, anke ċ-ċeren għandhom bżonn il-ħarsien. Ma tridx tkun intelliġenti wisq biex tifhem li, jekk iċ-ċeren jinqatlu fi żmien meta jkunu sejrin ibidu, allura jintilfu l-frieħ ukoll. U għalhekk huwa importanti li f'dan iż-żmien tas-sena dan il-ħut jiġi mħares minn dawk li l-għan tagħhom huwa biss li jistagħna minn fuqu. ❑




*Il-Burqax mill-istess familja taċ-Ċerna.*